MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 194/2006

**Av. Dr. Peter Fenech (ID 0067468M) bhala Chairman in rapprezentanza tal-Mediterranean Conference Centre**

***kontra***

**a) Welcomevents Limited (C-36195) u**
**b) Bezzina Trading Yard Limited (C-10449)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-10 ta` Marzu 2006 li jaqra hekk –

*Peress illi l-intimati kienu responsabbli ghal diversi xogholijiet u servizzi mwettqa fil-Mediterranean Conference Centre bhala preparazzjoni ghal u prezentazzjoni ta` spettaklu bhala parti mic-cerimonji relatati mal-Commonwealth Heads of Government Meeting 2005, in kwantu ghall-intimati Bezzina Trading Yard Ltd ghall-kostruzzjoni ta` stage kontenenti vaska u in kwantu ghall-intimati Welcomevents Ltd ghall-preparazzjoni u ttellar ta` l-ispettaklu msemmi, kif ukoll ghall-istallazzjoni ta` diversi bicciet ta` apparat, inkluz apparat ghal water curtain li kienet parti mill-ispettaklu ;*

*Peress illi minhabba traskuragni u/jew nuqqas ta` hila u/jew imperizja da parti ta` nies imqabbdin minn u/jew impjegati ta` u/jew li ghalihom kienu responsabbli u/jew impjegati ta` u/jew li ghalihom kienu responsabbli u/jew li wettqu xogholijiet fuq inkarigu ta` u/jew f`isem l-intimati jew min minnhom gew irrekati danni konsiderevoli fl-art tad-dress circle tar-rikorrenti, b`dan illi l-parquet ser ikollu jinbidel jew isiru xogholijiet rimedjali sostanzjali bi spiza stmata f`dan l-istadju ta` madwar Lm20,000 (ghoxrin elf lira) ;*

*Peress illi dan kollu hu kkonfermat minn impjegati u konsulenti mqabbdin mir-rikorrenti kif jigi muri ahjar waqt is-smigh ;*

*Peress illi allavolja gew mitluba jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni l-intimati baqghu inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant kellhom isiru dawn il-proceduri sabiex din l-Onor. Qorti tigi mitluba umilment illi –*

*1) Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni rekati u*

*2) Fil-kaz illi l-intimati huma t-tnejn responsabbli tistabbilixxi l-proporzjon ta` responsabilta` bejn l-istess intimati jew jekk ikun il-kaz tiddikjara illi huma responsabbli in solidum u*

*3) Tistabilixxi l-quantum ta` danni rrekati lir-rikorrenti fl-ammont ta` ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) jew somma ohra verjuri okkorrendo permezz ta` periti nominandi u*

*4) Tordna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu d-danni hekk stabbiliti lir-rikorrenti skond id-divizjoni ta` responsabilta` kif stabbilita.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat qabel dawn il-proceduri (fil-konfront ta` Welcomevents Ltd biss) u bl-imghax skond il-ligi kontra l-intimati jew min minnhom it-tnejn imharrkin ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur noe, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata ta` Lou Bondi in rapprezentanza tal-kumpannija konvenuta Welcomevents Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Welcomevents") prezentata fit-30 ta` Marzu 2006 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, l-attur irid juri xi kwalita` guridika ghandu, kif ukoll lil min u xiex qieghed jirrapprezenta cioe` n-natura guridika tal-Mediterranean Conference Centre ;*

*2. Illi l-konvenuti Welcomevents Limited kienu responsabbli sabiex jorganizzaw ic-cerimonja ta` ftuh fil-Mediterranean Conference Centre ghal Commonwealth Heads of Government Meeting 2005 ;*

*3. Illi huma l-konvenuti Bezzina Trading Yard Limited illi gew maghzula bhala kuntratturi ghat-"Tender for the Supply, Installation and Dismantling of Centre Stage Including Mechanical and Electrical Works for CHOGM 2005 Opening Ceremony at the Mediterranean Conference Centre" ;*

*4. Illi ghalhekk kif jidher f`diversi klawsoli ta` dan it-tender, kienu proprju l-konvenuti Bezzina Trading Yard Limited illi kienu responsabbli sabiex jipprotegu l-parquet tal-Mediterranean Conference Centre. Partikolarment jinghad illi "The protection is to cover all underlying surfaces including timber flooring and existing seating" ;*

*5. Illi kif jidher ukoll minn Dokument esebit mill-atturi bhala Dok.D il-protezzjoni li kellha ssir mill-konvenuti Bezzina Trading Yard Limited, ma saritx kif kien gie specifikat fit-tender ;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti Welcomevents Limited ghamlu "sub-contracting" ghal installazzjoni tal-water curtain u tal-piping lil terzi ;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut jeccepixxi illi ma saret l-ebda hsara fl-art tad-dress circle tal-Mediterranean Conference Centre;*

*8. Illi dan kollu premess jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*9. Illi l-konvenuti Welcomevents Limited qatt ma gew interpellati ufficjalment ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni ;*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn Welcomevents.

Rat ir-risposta guramentata ta` Anthony Bezzina bhala direttur vestit bir-rapprezentanza guridika tal-kumpannija konvenuta Bezzina Trading Yard Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Bezzina Trading") prezentata fit-3 ta` April 2006 li taqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` intimata Bezzina Trading Yard Limited mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrent stante illi l-istess socjeta` ezegwiet l-appalt lilha moghti skond is-sengha u l-arti u bl-uzu ta` materjal idoneu u in ottemporanza mal-obbligi kuntrattwali minnha assunti u m`ghandha assolutament ebda responsabilta` ghad-danni arrekati fl-art tad-dress circle tal Mediterranean Conference Centre, kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*2. Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrent, is-socjeta` intimata eccipjenti m`ghandha ebda relazzjoni ta` solidarjeta` mas-socjeta` intimata l-ohra u/jew mal-kuntratturi l-ohra minnha nkarigati ghall-progett de quo agitur u ghalhekk ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghad-danni allegati flimkien mas-socjeta` intimata l-ohra f`din il-kawza ;*

*3. Illi f`kull kaz ir-rikorrent nomine hu obbligat li jimminimizza d-danni ;*

*4. Illi s-socjeta` intimata eccipjenti m`ghandha ssofri ebda spejjez gudizzjarji.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn Bezzina Trading.

Rat is-sentenza fl-ismijiet fl-ismijiet *Albert Agius Ferrante v. Michael Camilleri (Citaz. Nru. 497/89 JSP)* deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta, li kopja informi taghha kienet esebita mill-attur noe fl-udjenza tas-26 ta` April 2006 (fol 28 sa 37) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta sabiex jirribatti l-eccezzjoni preliminari ta` Welcomevents.

Rat ix-xiehda li l-attur noe ressaq bil-procedura tal-affidavit u cioe` l-affidavit tieghu (fol 40 sa 45), ta` Sebastiano Iraci (fol 50 sa 53), ta` Charles Bonello (fol 56), tal-Perit Ramon Fenech (fol 60 sa 62), ta` Philip Cricchiola (fol 63) kif ukoll id-dokumenti li kienu esebiti minn dawn ix-xhieda jew min minnhom (fol 46 sa 49 ; fol 54 u 55 ; fol 57 sa 59)

Rat id-dikjarazzjoni ta` Welcomevents, permezz tad-difensur taghha, fl-udjenza tas-26 ta` Gunju 2006 fejn irtirat l-eccezzjoni preliminari taghha (fol 64).

Rat ix-xiehda ta` Silvio Scerri (fol 66 sa 71), ta` Lou Bondi (fol 77 sa 80) u ta` Gerald Agius Ordway (fol 93) li Welcomevents ressqet bil-procedura tal-affidavit kif ukoll id-dokumenti li kienu esebiti minn dawn ix-xhieda jew min minnhom (fol 72 sa 74 u fol 81 sa 92).

Rat id-dokumenti li Welcomevents esebiet fl-udjenza tal-1 ta` Dicembru 2006 (fol 96 sa 170), Maghhom kien inkluz affidavit ta` James Oliva (fol 170).

Rat ix-xiehda li Bezzina Trading ressqet bil-procedura tal-affidavit u cioe` x-xiehda ta` Anthony Bezzina (fol 175 sa 181), tal-Perit David Ellul Mercer (fol 182 sa 188), ta` Patrick Agius (fol 189 sa 192) u ta` Keith Darmanin (fol 193).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-attur noe fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2008 (fol 200 sa 209).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Silvio Scerri li xehed in kontroezami fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2008 (fol 210 sa 223).

Rat id-digriet moghti fl-20 ta` Gunju 2008 (fol 228) minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn hatret lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-hsara li garrab l-attur noe.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Novembru 2009 (fol 259) fejn il-partijiet qablu li l-inkariku tal-perit tekniku ma kellux jinkludi opinjoni da parti tieghu dwar min kien responsabbli ghad-danni izda li jikkonstata l-istat tal-art tal-palk bhala konsegwenza tal-hsara li saret u jistma l-valur tal-hsara.

Rat ir-relazzjoni peritali [inkluz l-atti li jaghmlu parti minnha] (fol 278 sa 318) li kienet prezentata fil-11 ta` Novembru 2011 u mahlufa fl-udjenza tat-22 ta` Frar 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2011 (fol 321) fejn iddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghall-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011 (fol 322) fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Analizi tal-provi</u>

Fil-kawza tal-lum, l-attur noe qieghed jallega li htija tal-konvenuti jew min minnhom jew tat-tnejn, il-*parquet* tad-*dress circle* tas-Sala Repubblika fid- Dar il-Mediterran garrab hsara konsiderevoli minhabba skular ta` ilma waqt l-ispettaklu tac-cerimonja ewlenija tal-Laqgha tal-Kapijiet tal-Gvern tal-Commonwealth li saret Malta fl-2005 maghrufa ahjar bhala CHOGM.

Jirrizulta li Welcomevents kellha l-inkariku li ttella` l-ispettaklu kulturali kif jikkonferma fix-xiehda tieghu Silvio Scerri, rapprezentant taghha, (ara fol 212). Din il-Qorti ma ltaqghet ma` l-ebda dokument – kuntratt, *tender document* jew xort`ohra - li juri kif Welcomevents inghatat l-inkariku jew dokument li jissenjala x`kienu l-obbligi taghha. Din il-Qorti kellha tasal ghal dawn l-obbligi ta` din is-socjeta` konvenuta mill-assjem tal-provi prodotti. Irid jinghad li fil-bidu Welcomevents kellha tissupplixxi *mist curtain* ; aktar tard pero` kien hemm kambjament u saret *water curtain* minflok. Fil-fatt kienet propju l-“purtiera tal-ilma” li ntuzat waqt l-ispettaklu tal-ftuh tac-CHOGM li sar fis-Sala Repubblika.

Jirrizulta li Bezzina Trading kellha l-appalt illi tibni l-palk li fuqu kellu jittella` l-ispettaklu tal-ftuh tac-CHOGM. Fil-fatt kien prezentat bhala prova t-*tender document* intestat `*Tender for the Supply, Installation and Dismantling of Centre Stage for CHOGM 2005 Opening*

*Ceremony at the Mediterranean Conference Centre, Valletta`* (fol. 96 et seq). Fid-dokument, kien hemm l-istruzzjonijiet dwar il-bini tal-palk, u l-kondizzjonijiet tal-ghoti tat-*tender*. Jidher illi l-palk kellu vaska kbira tal-ilma li kienet fuq l-*stage* u kellha zewg *troughs* sabiex jilqghu l-ilma. Kif diga` nghad, Welcomevents kellha tissupplixxi u thaddem purtiera tal-ilma.

Dr Peter Fenech xehed illi dak li garrab hsara konsiderevoli kien il-*parquet* ta` taht l-*istage* kagun ta` ilma li skula minn pajpijiet illi kellhom jissupplixxi l-ilma lill-purtiera tal-ilma. Ghalhekk eskluda li l-ilma pperkola mill-vaska jew mit-*troughs*, kif allega Silvio Scerri ta` Welcomevents. Infatti Dr. Fenech stqarr hekk (ara fol 40) –

*… jiena kont iltqajt ma` direttur tal-kumpannija BTY Ltd sabiex iddiskutejt dak li kien ser isir u konna anke tkellimna dwar l-attenzjoni massima li kellha tittiehed minhabba li l-istruttura kienet sejra tigi imqieghda fuq il-parquet gewwa Dar il-Mediterran, u kienet struttura tqila hafna.*

*Kien gie ghalhekk deciz li taht l-istruttura li kienet sejra tinbena jsir kemm `plastic sheeting` minhabba l-fatt li kien ser jinbena pool tal-fibreglass f`din l-istruttura kif ukoll plywood taht din l-istruttura minhabba t-toqol taghha.*

L-attur noe jissokta jixhed illi l-vaska giet ittestjata ghall-ilma u nsabu erba` hairline cracks li pero` kienu gew riparati. Meta l-haddiema ta` Welcomevents bdew jahdmu fuq il-purtiera tal-ilma, din bdiet taghtihom hafna problemi minhabba l-*splashes* tal-ilma u ghax il-pajpijiet ikkomunikati maghha u mal-pompi taghha kienu qeghdin inixxu l-ilma mhux biss taht l-*istage* izda anke barra mill-i*stage*. Huwa seta` jiftakar erba` okkazjonijiet fejn huwa ra personalment li mill-pajpijiet sofor li kienu jissupplixxu lill-purtiera tal-ilma kien hiereg l-ilma li kien qed jispara ghal taht l-i*stage*. Ighid ukoll illi `l-kundizzjoni tal-*plastic*

*sheeting* u *timber sheeting* kienet proposta mill-konsulenti ta` Dar il-Mediterran`.

Minn naha tieghu Silvio Scerri (ara fol. 6 et seq) jixhed illi l-palk ma kienx inbena kif suppost u li l-Perit Ramon Fenech ma kienx ikun fuq il-post jissorvelja x-xoghol tal-bini tal-palk. Ighid illi Bezzina Trading kienet il-kuntrattur responsabbli ghall-bini tal-palk. Din ma mxietx skond l-ispecifikazzjonijiet tat-*tender* ghaliex ma ntuzatx *plastic sheeting* shiha izda minflok intuzaw bicciet ta` *plastic sheetx* imrikkbin wahda fuq l-ohra. Meta meta gibdu l-attenzjoni tal-Perit David Ellul Mercer, dan qalilhom li kien ser jaghmel folji tal-injam fuq il-*plastic* biex jippressa fejn il-*plastic* kien se jkun imrikkeb. Il-*plastic* li tqieghed ma kienx *heavy gauge* izda *light gauge*.

Silvio Scerri jkompli jixhed illi huwa kien nizel taht l-i*stage* ma` James Oliva, il-*works manager* tieghu, u raw illi l-vaska kellha varji xquq u li l-ilma kien niezel sewwa minnhom. Dak il-hin hadu d-decizjoni li jbattlu l-kontenitur u jibghatu ghal min kien responsabbli sabiex isewwi l-fibreglass. Jallega illi hemm saret l-akbar hsara fil-*parquet* ghaliex il-kontenituri thallew mimlijin bl-ilma lejl shih. Isostni kien migmugh aktar minn mija u hamsin litru ilma u li spicca kollu ghal fuq il-parquet. U jkompli hekk - `*Meta sirna nafu b`dan kollu, ghalkemm ma konniex responsabbli ghal protezzjoni li suppost kellha ssir mill-konvenuti BTY, dorna l-valvi kollha b`sealer biex nizguraw li dan kollu ma jergax jigri*`.

Silvio Scerri jissokta jixhed illi wiehed mill-pajpijiet is-sofor li kien johrog mill-pompa numru tlieta zviluppa toqba zghira u din issewwiet mal-ewwel semplicement b`tape tal-elettriku (fol. 70). Huwa jixhed illi fuq il-palk kien hemm tlett banjijiet u li bil-movimenti taz-zfin fuq il-palk qabel ic-cerimonja bdew jizviluppaw diversi xquq fil-fibre. Il-palk tmexxa mill-post fejn kellu jkun fil-bidu. Scerri jghid illi fuq il-palk zifnu tletin persuna. Bit-toqol u biz-zfin, il-banju zviluppa x-xquq.

Dwar il-purtiera tal-ilma, Silvio Scerri jixhed illi huwa qabbad kuntrattur biex jaghmel din is-sistema skond specifications li hareg hu stess (ara fol. 219). Fil-bidu ma kellux ikun hemm *water screen* jew purtiera tal-ilma izda biss *water mist* fejn kellu jintefa` *spray* tal-ilma. Minhabba kwistjoni ta` spejjez, deciz illi issir il-purtiera tal-ilma minflok. Huwa sostna li l-inkariku nghata lilu mill-Gvern mhux mill-attur noe. Li kieku sar *water mist*, l-ilma wzat kien ikun limitat mentri fil-kaz ta` *water curtain* l-ilma involut fit-thaddim taghha kien bil-bosta aktar (ara fol. 216 u fol. 217).

F`ittra li l-attur noe baghat lil Lou Bondi ta` Welcomevents (ara fol. 88) jinghad –

*We are all aware of the conditions of the tender for the construction of the stage. Precautions taken were to ensure that the stage pool does not leak and not that your pipes do not leak. In fact they leaked in areas and towards directions beyond the stage itself as Nick may confirm.*

Il-Perit Ramon Fenech, mill-ufficcju ta` periti, li kien inkarikat mill-attur noe sabiex jissorvelja x-xogholijiet, kiteb hekk f`*email* li baghat lil Nello Iraci, General Manager ta` Dar il-Mediterran –

*As you well know, our involvement for the CHOGM Opening Ceremony was the design and supervision of works for the central stage, which included the water basin. The mechanical plant and fittings (comprising pumps, pipework and connections to troughs) located beneath the same stage and used for the overhead water curtain were outside our role and handled by specialist contractors commissioned by the organisers* (ara fol. 5)

Dwar it-*testing* tal-vaska fuq il-palk, il-Perit Ramon Fenech ighid hekk  f`ittra datata 6 ta` Dicembru 2005 li baghat lill-istess Nello Iraci –

*the installation of the fibre lining in pool and troughs was carried out on Sunday 13th November 2005 and left overnight full of water.  Subsequently, on Monday 14th November 2005, four (4Nr) hairline cracks were identified, and pool was emptied and cracks rectified.  Local stains beneath these cracks was noted, but no water actually dripped to the flooring beneath.  Once these remedial works were carried out, the stage was thoroughly inspected and qualified watertight`*  (fol. 5).

L-istess Perit ikompli jikteb hekk –

*A detailed visual inspection of the stage structure and lining system noted that no water was dripping from the stage, but a couple of stains could be noted on the soffit of the supporting timber sheet.  It was also noted that water was dripping from some of the pumps used for the water curtain and was pointed out to the Client.  The Client explained that this issues was already pointed out to the responsible contractor a number of times, but no action was yet taken`*. (ara fol. 5)

F`ittra li l-Perit David Xuereb baghat lil Anthony Bezzina ta` Bezzina Trading jinghad hekk –

*Monday 14th – piping of water curtain was attached to troughs and troughs and pool were filled to check for leakages.  4 hairline cracks found, pool was emptied immediately, fibre was repaired that same day.  However the connections of the pipes to the pumps for the water curtain were leaking constantly.  I informed them to see to them and they told me that they are still setting up and when they finish they will stop the leakages* (ara fol 11)

Imbaghad a fol 12 insibu –

*Monday 28th – we began dismantling the stage, and at one point I realised that the floor was rising, mainly in the areas were the trough pumps were situated. Pictures have been taken clearly proving that water stood mainly below the pumps.*

Kopji tar-ritratti huma esebiti a fol 7 et seq.

Welcomevents tghid li l-ammonti kbar ta` ilma skulaw minhabba li l-vaska ma kenitx issiggillata sewwa mit-toqob. Silvio Scerri jallega li mal-500 litru ilma lahaq skula mill-vaska ghal fuq il-*parquet.*

Il-Perit Ivan Coleiro li kien inkarikat minn Welcomevents kiteb hekk dwar l-allegazzjoni li saret fil-konfront tal-klijenta tieghu illi kien hi responsabbli ghall-hsara –

*This company categorically denies any responsibility …*

*A. It was the responsibility of this company to install the mechanism for a water screen within an existing temporary structure that had been prepared by a third party contractor. This temporary structure was intended to cater for a number of other activities involving the use of water ;*

*B. The provisions made by the contractor for the temporary structure in order to prevent damage caused by possible water leaks were lacking on several accounts ;*

*C. The only form of protection provided was in the form of a thin sheet of plastic placed beneath the whole temporary structure. The gauge of plastic used was not in any way adequate for the scope it was intended.*

*D. The method in which the plastic was placed did not correspond to its intended function as a water barrier. Particular reference is made to the fact that the joints between the different sheets of plastic were not correctly lapped. It appears that they were simply placed over each other at the joints without any attempt to create water baffle as would be the correct procedure in this case.*

Fix-xhieda tieghu Anthony Bezzina, direttur ta` Bezzina Trading ighid li l-vaska kienet zviluppat xi *hairline cracks*. Dawn issewwew minn Patrick Agius li jahdem fil-*fibreglass*. Dwar il-purtiera tal-ilma, huwa jixhed illi x-xoghol kien inghata lil Nick Critien u Ivan Coleiro. Huwa kien iltaqa` maghhom halli jiftehmu fejn kienu se jsiru d-*drains* sabiex l-ilma jigi *drained* minn gol-vaska ghal go banjo apposta li tqieghed taht l-istage. Haddiema ta` Bezzina Trading kienu ghattew il-*parquet* ta` taht il-palk bil-*plastic* u anke b`*layer* tal-*plywood.* Bit-toqol stess tal-istruttura tal-palk, il-plastic ma setax jiccaqlaq. Il-palk inbena skont l-istess struzzjonijiet ta` Nick Critien u Ivan Coleiro taht id-direzzjoni ta` Silvio Scerri.

Dwar il-purtiera tal-ilma, Anthony Bezzina jixhed illi –

*L-operaturi tal-water curtain kien qed ikollhom problemi kbar biex jikkontrollaw l-ilma li kienu qeghdin jitfghu ghal go dawn it-troughs, u dan ghaliex l-ilma beda jisplaxxja fl-area fejn kienu se jpoggu n-nies … u sahansitra anke barra l-perimetru tal-palk. Ghalhekk wara hafna provi gie deciz mill-konvenuti l-ohra li minhabba r-rih li kienet qed taghmel il-water curtain u l-ilma li kienet qed tisplaxxja, kif ghadni kemm spjegajt, din il-water curtain ma kellhiex tintuza f`daqqa izda kellha l-ewwel tintuza naha imbaghad in-naha l-ohra…….Minkejja dan irrid nghid illi xorta wahda baqa` jigi splaxxjat kwantita` ta` ilma fid-direzzjoni fejn kellu jkun hemm in-nies, tant illi fl-ahhar minuta l-konvenuti hadu d-decizjoni illi jitpogga u jissammar fuq il-post felt specjali biex irazzan il-qawwa ta` l-ilma*. (fol. 179).

Ix-xhud stqarr illi sabiex din il-purtiera tal-ilma setghet tahdem, kien mehtieg li l-ilma jibqa` l-hin kollu fil-pajpijiet biex ma tidholx arja u l-ilma jitla` u jinzel permezz ta` *centrifugal effect*. Ikkonferma li kien qed ikun hemm *leakages* minn dawn il-pajpijiet u mill-*valves* li kien hemm imqabbdin maghhom u li kemm-il darba ingibdet l-attenzjoni ta` dawk koncernati (fol. 179) Isostni li l-kumpannija tieghu ma kellhiex l-awtorita` jew kompetenza fir-rigward ta` dawn il-*valves* u ma kellhiex x`taqsam maghhom (fol. 180).

Huwa jkompli jixhed illi meta bdew izarmaw il-palk, it-*troughs* tkissru b`daqqa ta` mazza minn Patrick Agius sabiex ikun hemm skular ta` l-ilma. Meta kixfu l-injam li mieghu kien imqabbad il-f*ibreglass* sabu li dan kien niexef (fol.180). Fil-parti fejn kien hemm il-valves kien hemm irqajja ta` ilma.

Fl-affidavit tieghu, il-Perit David Ellul Mercer, li kien inkarikat minn Bezzina Trading sabiex jissorvelja l-bini tal-palk u tar-recipjenti tal-ilma, jaghti xiehda dettaljata ta` kif inbena l-palk u r-recipjenti (ara fol. 182 et seq).

Huwa jixhed illi l-iskop tal-*plastic* skont anke t-*tender document* mahrug, qatt ma kien ghall-finijiet ta` *water tightness* izda biex jipprotegi l-*parquet* minn xi *splashes* minimi li seta` kien hemm. Dan ukoll ghaliex l-ispettaklu kellu jinkludi a *water mist curtain* li mbaghad – minhabba diffikultajiet illi kellhom min kellu jaghmel din il-*water mist curtain*, spiccat litteralment f`*waterfall*.

Isostni li barra li huma ghamlu l-*plastic sheeting*, ghamlu wkoll *layer* addizzjonali ta` injam (fol. 184).

Ikompli li Nick Critien u Ivan Coleiro kienu biddlu l-qisien tat-*troughs* kemm-il-darba. Kien evidenti illi dawn kienu qed jahdmu fuq bazi ta` *trial and error* (fol. 184).

Jikkonferma li huwa ra b`ghajnejh *leakages* kontinwi ta` ilma minn mal-*ball valve* tal-pompa ghal gol-*feeders tal-water curtain* u li kien jigbed l-attenzjoni ta` dawk koncernati kuljum.

Ighid li meta lestew mill-armar tal-palk kienu ghamlu xi jiem ma jmorrux Dar il-Mediterran u meta rritornaw kien ra li kien ghad hemm il-*leakages* minn gol-*ball valves* tal-pompi (fol. 187).

Isostni li meta zarmaw il-palk, l-injam li fuqu kien hemm armati l-vaski tal-*fibreglass* kien niexef. Kif waslu biex izarmaw is-sezzjonijiet fejn kien hemm il-pompi tal-purtiera tal-ilma induna li l-*parquet* sottostanti kien ghola u kien jidher illi dan kien xorob kwantita` ta` ilma. Kien hemm rqajja kbar ta` ilma taht fejn kienu l-pompi (fol. 188).

Jirrizulta li Bezzina Trading kienet inkarikata mill-bini tal-palk kollu. Hekk jidher mit-*tender document* li jirregola r-relazzjonijiet kontrattwali bejn dik il-kumpannija u l-attur nomine. Skond Titolu II `*Specifications and Conditions*` (fol. 113) ix-xogholijiet li Bezzina Trading kellha tezegwixxi kienu dawn –

*i.* *Supply and fabrication of stage structure*
ii. *Internal and external side cladding to stage structure*
iii. *Stage flooring*
iv. *Water-tight internal lining to stage inclusive of lower basin*
v. *Design, supply and installation of two access ramps and one stairs to existing stage*
vi. *Dismantling*

Il-Bill of Quantities ifisser ix-xogholijiet f`aktar dettal (ara fol. 146 et seq). In succint, kienu dawn –

*i. supply and laying of heavy-gauge plastic sheeting to protect existing flooring;*
*ii. supply of malamine sheets;*
*iii. supply and installation of marine plywood;*
*iv. supply, fabbrication and installation of stage structure;*
*v. supply and installation of internal curved side vertical cladding;*
*vi. supply and installation of external curved side vertical cladding;*
*vii. supply and installation of non-slip walkway seamless flooring;*
*viii. supply and installation of watertight seamless internal lining to stage centre*
*ix. design, supply and installation of wide circular lower water basin*
*x. design, supply and installation of pre-formed water vessel*
*xi. design, supply and installation of curved timber access ramps*
*xii. design, supply and installation of timber stairs leading to main stage*
*xiii. Supply and install foam board*

(ara wkoll id-disinji tax-xogholijiet tal-palk a fol. 161)

Charles Bonello, Operations Manager ta` Dar il-Mediterran, jixhed (a fol. 56) illi darba bil-lejl is-*security officer* Philip Cricchiola infurmah li kien qed jisma` ilma hiereg mill-pajpijiet li kienu jissupplixxu il-purtiera tal-ilma. Mar fuq il-post flimkien mal-General Manager tard filghaxija u ra l-ilma hiereg taht pressa minn pajp tal-plastik hiereg minn pompa li kienet barra il-perimetru tal-*istage* temporanju u barra mill-plastik *sheeting* protettiv li kien tpogga taht il-*plywood*.

Is-*security officer* Philip Cricchiola (ara fol. 63) jixhed illi l-ilma kien gej mill-pajpijiet li kienu ghaddejjin minn ma` l-istruttura tal-palk li nbena fuq l-i*stalls area* ghal fuq. Baqa` hemmhekk u ra xi persuni mhux impjegati ta` Dar il-Mediterran ibattlu l-ilma mill-pajpijiet minn fejn kien qed jiskula l-ilma.

James Oliva, kap tal-istaff tekniku ta` Welcomevents, ighid illi huwa kien osserva li l-*plastic sheeting* kien qed jigi mqieghed u mrikkeb fit-truf. Ghalhekk huwa avza lil Perit Ellul Mercer. Dan qallu li kien ser jaghmel l-injam fuq dan is-*sheeting*. Il-vaska kellha xi toqob izda li dawn gew riparati. Kien zviluppa *leak* f`wiehed mill-pajpijiet ta` pompa tal-purtiera tal-ilma u li rrangah hu stess `*semplicement bi ftit electrical tape*` (ara fol. 170).

Ikkunsidrat :

**III. <u>Relazzjoni peritali</u>**

Fir-relazzjoni tieghu, il-**<u>Perit Joseph Ellul Vincenti</u>** qal *inter alia* –

*Waqt l-access tal-25 ta` Settembru 2008, is-sottoskritt innota li persentagg kbir mill-area ta` quddiem il-palk cioe` l-stalls, li hija miksija b`parquet, sofriet hsara fis-sens li hemm partijiet fejn l-injam tal-parquet tbewwaq u partijiet ohra fejn ix-xifier tal-injam telghu `l fuq tant li kellhom jigu msammra ma` l-art biex jitnehha l-inkovenjent/periklu li dawn il-planki kienu qed jipprezentaw …*

*kemm il-parquet propju kif ukoll l-injam ta` tahtu, kif hass l-ilma, dan simen bir-rizultat li l-parquet inqala` minn mal-battons ta` taht u ghola u tqammar …*

*jirrizulta li l-area efftwata mill-ilma hi ta` circa tliet mitt metru.*

Skond il-perit tekniku, *l-ispiza biex jinqala` l-parquet ezistenti, jingarr u jintrema` l-materjal qadim, jinxtara parquet iehor ta` l-istess grad bhal dak ezistenmti u jitwahhal skond is-sengha u l-arti* tammonta ghal total ta` **<u>€42,480</u>** inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud.

Il-perit tekniku kompla josserva hekk –

*Ta` min ighid li l-parquet l-qadim ilu jintuza ghal zmien twil ta` snin u ghalhekk irrizulta … li l-wicc ta` dan il-parquet juri bic-car li kien soggett ghal wear and tear ta` hafna snin. Jirrizulta wkoll li f`xi zmien il-pultruni kienu invitati ma` l-art u wiehed seta` jara diversi toqob fl-art fejn qabel kien hemm il-viti.*

*F`dawn ic-cirkostanzi, is-sottoskritt ihoss li l-ispiza biex jinbidel dan il-parquet m`ghandhiex tigi sopportata mill-konvenuti biss izda parti sostanzjali ghandha tigi sopportata mill-atturi.*

Il-perit tekniku kien tal-fehma li minhabba l-istat u l-kondizzjoni tal-parquet qabel garrab il-hsara tal-ilma, il-konvenuti jew min minnhom ghandhom ikunu responsabbli ghal hlas tas-somma ta` **<u>€21,240</u>** li hija nofs l-istima totali fuq riferita.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta` natura teknika ta` perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs</u> <u>Mifsud</u>**", il-Qorti tal-Appell irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et",** din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) rriteniet –

*Bil-ligi u b`harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta` perit mahtur minn qorti u maghmula f`rapport imressaq minnu m`humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta` fatt, specjalment f`oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m`ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta` periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacjentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta` Gunju 1967).

Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir *b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (“**<u>Grima vs Mamo et noe</u>” –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

Ghalhekk ‘in fin dei conti` *qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* (“**<u>Cauchi vs Mercieca</u>” –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **“<u>Saliba vs Farrugia</u>**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Fil-kawza tal-lum, il-hatra tal-perit tekniku kienet limitata fis-sens li huwa kien nominat sabiex iressaq kostatazzjonijiet dwar in-natura tal-hsara fil-parquet u sabiex jistma dik il-hsara. Din il-Qorti tghid li l-perit tekniku ghamel sewwa li, indipendentement mill-kwistjoni ta` min kien responsabbli talli l-ilma thalla jaghmel il-hsara lill-parquet ghax dik hija materja li kienet tohrog barra mill-inkariku tieghu u trid tigi deciza minn din il-Qorti, ikkostata li l-attur noe kellu jinkorri kontribuzzjoni ghar-*replacement costs* tal-parquet minhabba l-istat u l-kondizzjoni tal-istess parquet qabel l-incident. Sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda fil-post fejn saret il-hsara u qies il-provi tal-partijiet. Il-perit tekniku fisser ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Aktar u aktar fil-kaz tal-lum fejn mhux biss il-partijiet ma talbux il-hatra ta` periti addizzjonali, izda ghazlu li la jeskutu l-perit tekniku u lanqas iressqu l-icken sottomissjoni jew kritika ta` ebda

xorta ghar-rapport peritali. Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku jimmeritaw li jkunu ben akkolti minn din il-Qorti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista"** *ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b`mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

Apparti l-konsiderazzjonijiet teknici, din il-Qorti tghid li r-riduzzjoni bin-nofs fil-*quantum* tad-danni huwa in linea mal-principju stabbilit tal-mitigazzjoni tad-danni. Ghaliex ghalkemm huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "*l-attur ghandu kemm jista` jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("**Tufigno vs Micallef noe**", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta` April 1965) u li r-risarciment ghandu jikkonsisti ghal somma li **ragonevolment** twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**"Galea pro et noe vs Gatt et"** – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta` Novembru 1958 ; **"Zammit vs Calleja"** – Appell Inferjuri –
12 ta` Jannar 1977 ; "**Sant vs Borg" –** Prim` Awla tal-Qorti Civili, 3 ta` Ottubru 1979)**,** fl-istess waqt, ir**-**regola tar-*restitutio in integrum* hija **kwalifikata** minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha **ragonevoli** biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Fis-sentenza tal-24 ta` Jannar 1969 fil-kawza "**Aquilina vs Schembri**" il-Qorti tal-Appell – Sede Civili – irrilevat li l-*kwestjoni ta` x`inhu* ***ragjonevoli*** *li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta` fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta` kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f`dan ir-rigward specifiku jaqa` fuq il-konvenut.*

Anke in vista ta` dan kollu, din il-Qorti tghid li l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku fil-kaz tal-lum kienu wkoll legalment korretti.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

Jirrizulta illi l-konvenuti nghataw inkariki diversi mill-attur noe. Fl-istess waqt huwa evidenti mill-ghamla ta` l-inkariki li kellhom illi ghalkemm kull konvenut kellu jahdem fil-kamp tieghu fl-istess waqt kemm il-bwon sens kif ukoll il-qadi tajjeb tal-inkariki kienu jesigu li bejniethom jikkordinaw il-hidma taghhom sabiex jilhqu l-fini ahhari tal-inkariki taghhom u cioe` is-success minghajr inkonvenjent jew hsara tac-cerimonja tal-ftuh tac-CHOGM.

Fil-kuntest tal-assjem tal-provi prodotti, jidher car li l-attur noe u Bezzina Trading jaqblu dwar il-mod kif skond huma sehhew il-fatti mentri Welcomevents qeghda taghti stampa differenti hafna mill-partijiet l-ohra. Filwaqt li l-konvenuti mhumiex qeghdin jaddebitaw xi htija kontributorja da parti ta` l-attur noe ghall-akkadut, huma qeghdin pero` jghidu li ghal li gara kien jahti il-konvenut l-iehor ghaliex ma ezegwiex ix-xoghol tieghu skond l-arti u s-sengha.

Jirrizulta mit-*tender document* illi l-putiera tal-ilma jew *waterscreen* kellha tinbena minn Welcomevents mhux minn Bezzina Trading. Silvio Scerri ghal Welcomevents isostni li *iena rbaht tender biex naghmel a powerful water screen.* Welcomevents mhux biss kienet il-konsulent tal-Gvern inkarikata sabiex taghti pariri lid-dirigenti ta` Dar il-Mediterran dwar kif kellu jinbena l-i*stage*, izda rebhet ukoll it-tender sabiex taghmel il-purtiera tal-ilma (ara fol. 212 u fol. 216).

**<u>Abbazi tal-provi akkwiziti, jirrizulta li hamsa kienu l-fatturi li wasslu biex saret il-hsara</u>** –

i. Skular u *leakages* ta` ilma kemm mill-vaska tal-*fibreglass* kif ukoll mill- pajpijiet u l-*valves* tal-pompi li kienu qeghdin jissupplixxu l-water screen ;
ii. inadegwatezza tal-materjal protettiv tal-*parquet* mertu ;
iii. xoghol li ma sarx fil-hin;
iv. titjir mhux kontrollat adegwatament tal-ilma mill-uzu tal-water screen sakemm kien deciz li ma tithaddimx kollha f`daqqa ;
v. Nuqqas ta` koordinament ;

Irrizulta li kien hemm skular ta` ilma mill-vaska, *splashes* inkontrollati tal-ilma mill-*waterscreen* sakemm l-inginiera sabu tarf, nixxa l-ilma mill-pajpijiet u l-valvi.

Bezzina Trading kellha l-obbligu kontrattwali li tipprotegi l-*parquet* u tipprevjeni li ssirlu kwalunkwe hsara li setghet tipprevedi fic-cirkostanzi. Bezzina Trading kienet taf illi l-palk kien ser jiehu fuqu l-piz ta` kwantita` ta` ilma – kemm mill-vaska u t-*troughs,* kif ukoll aktar tard mill-purtiera tal-ilma. Saru laqghat mal-inginiera li kienu qed jibnu l-purtiera tal-ilma (ara x-xiehda ta` Anthony Bezzina a fol 178) u allura din il-Qorti tghid illi kien dmir ta` Bezzina Trading li tipprevedi illi seta` jkun hemm skular ta` ilma u kellha ghalhekk tahseb preventivament ghal dik l-eventwalita` li ma kenitx mera possibilita`. Is-*sheeting* protettiv, illi minn dak li tista` tifhem il-Qorti, sar l-ewwel haga qabel ma nbena l-palk fuqu. Jista` jkun (izda mhux car mill-provi) li dan is-sheeting sar qabel ma kien deciz li ssir purtiera tal-ilma minflok *mist curtain*. Eppure xorta wahda Bezzina Trading kellha l-obbligu li tara li l-*parquet* ma jgarrabx hsara, u tiehu l-prekawzjonijiet necessarji. Dan ma jfissirx illi l-Welcomevents ma kellhiex obbligu simili, kif ser jigi spjegat aktar `l isfel.

Artikolu 6 tat-*tender document*, taht Titolu `*Other Conditions*` ighid hekk -

*Protection of existing finishes – The contractor must protect the existing timber parquet flooring against any damage or indirectly related to the Works. The protection must be carried out before any works are carried out on Site. The contractor shall be held responsible for any damage caused.* (ara fol. 107).

Dwar il-palk, l-istess dokument taht it-titolu `*Stage Internal Lining*` ighid hekk –

*The internal lining forming the elliptical part of the stage shall be water retaining. The anticipated depth of water shall not exceed 250 mm, but the lining shall extend up to th stage walkway (circa 100 mm above). The lining shall be backed by means of marine plywood sheets fixed to the stage structure. The lining shall allow for a central 2.0m diameter hold for the lift mechanism (designed and supplied by others) as well as a circular gutter (300mm wide) on the circumference of the platform lift. The gutter shall dispose of any water above the desired level, in such a way that no water accesses the platform lift.* (ara fol. 142)

*The internal lining shall be composed of specifically designed PVC, reinforced membrances, vinyl, rubber carpet or spray-applied membrane. Fibreglass may also be used, although it must be ensured that it is odourless. The lining shall be pre-fabricated to the required dimensions, and consideration must be done to the available means of access into the Conference Centre. No heat welding must be carried out on site.* (ara fol. 142) …

*Prior to delivery and installation on site, the internal lining must be checked for watertight integrity, by retaining water within the tank for at least 24 hours.* (ara fol. 142)

Jirrizulta li l-vaska tal-ilma thalliet mimlija bl-ilma lejl shih u l-ghada kien notat li minnha kien hiereg l-ilma minnha ghaliex kellha xi toqob. Dwar dan il-fatt, il-partijiet kollha jaqblu. Bezzina Trading kellha diga` l-obbligu li tahseb ghall-eventwalita` ta` skular tal-ilma minhabba it-*testing* li kellu jsir lil din il-vaska u ladarba ttiehdet id-decizjoni li dak it-*testing* isir fuq il-post u mhux band`ohra, hemm allura l-protezzjoni adegwata u skond is-sengha tal-*parquet* mill-iskular ta` ilma kellha tinghata prijorita`. Minflok il-vaska thalliet mimlija bl-ilma, bil-parquet tahtha, ghal erbgha u ghoxrin siegha, u ghal dak il-hin kollu, nixxa l-ilma..

Bezzina Trading kienet fl-obbligu (ara fol 133) `*to cover all underlying surfaces including timber floor and existing seating`.* Dan evidentement sabiex tigi skansata kull tip ta` hsarat, inkluza dik mill-ilma, aktar u aktar meta l-palk kellu tlett kontenituri kbar ta` ilma. Dan qed jinghad ghaliex l-ilma fuq il-palk kien minn dejjem mahsub peress illi kellu jkun hemm vaska kbira u zewg vaski izghar ghal ilqugh tal-ilma. Ifisser ukoll illi ghalkemm Bezzina Trading ma kenitx responsabbli ghall-purtiera tal-ilma, hija kienet xorta tenuta illi tizgura li l-art titghatta tajjeb b`tali mod li jekk inixxi jew jiskula jew jittajjar l-ilma dan ma jmur qatt taht il-*plastic sheeting*. Ghalhekk din il-Qorti tghid li Bezzina Trading naqset fl-obbligi taghha skond it-*tender* kif fuq inghad.

Meta tinqala` tilwima dwar appalt, tnejn huma generalment il-kwistjonijiet li qorti ghandha tikkunsidra –

(1) jekk l-ezekuzzjoni tax-xoghol kommissjonat saritx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati ; u

(2) jekk l-ezekuzzjoni u l-prodott finali kienx konformi mar-regoli ta` l-arti u tas-sengha.

Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa` kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni. Fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Darmanin vs Agius"** deciza fid-9 ta` Ottubru 2004, kien inghad hekk *inter alia* –

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li `l quddiem juri difetti.*

*L`imprenditore ha l`obbligo di eseguire bene l`opera commessagli, secondo i dettami dell`arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol.XXVII.I.373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL.I.485).*

*It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik lezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII.III.883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghaddifetti li jigu `l quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta` Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI.I.667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina propju (ara l-Art.1069[2] tal-Kap.16) ghaliex huwa jitqies in kolpa minhabba l-inadempiment ta` obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-*onus* tal-prova ta` danni tibqa` tispetta lil din jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali.

Dan premess, din il-Qorti trid tghid li Welcomevents kienet responsabbli sabiex torganizza c-cerimonja tal-ftuh tac-CHOGM. Il-bini u l-uzu tal-*water curtain* bhala parti mill-ispettaklu tac-cerimonja tal-ftuh kien ukoll responsabilita` ta` Welcomevents. Mela jekk naqset f`dak il-kuntest, u dak in-nuqqas wassal *in toto* jew *in parte* ghal danni lill-attur noe, allura trid taghmel tajjeb hi. Welcomevents tghid li l-istallazzjoni tal-*water curtain* u tal-*piping* kien moghti minnha b`subappalt lil terzi. Fil-konfront tal-attur noe, Welcomevents, jekk kienet responsabbli ghal nuqqas, kienet responsabbli wkoll ghan-nuqqas tas-subappaltatur taghha. Kwalsiasi riperkussjoni negattiva fil-konfront ta` l-attur noe kagun ta` atti jew omissjonijiet tas-subappaltatur kellha twiegeb ghalihom Welcomevents. Imbaghad *se mai* Welcomevents jkollha dritt ta` rivalsa kontra s-subappaltatur.

Dan premess, din il-Qorti trid tghid li kien nuqqas da parti ta` Welcomevents meta biddlet kemm-il-darba il-qisien tal-vaski tal-ilqugh kif ukoll meta rrizulta kien hemm pajp li minnu kien qed jiskula l-ilma, u persuna suppost tas-sengha li ghalih hi kienet responsabbli versu l-attur noe sewwiet il-*leak* billi dawret il-pajp b`*electric tape.* Dak il-metodu ta` allegata tiswija kien ghal kollox inappropjat meqjus il-fatt li l-pajpijiet kienu mqabbda ma` pompi illi kienu se jghaddu l-ilma taht pressa notevoli.

Welcomevents naqset ukoll meta, mgharrfa bl-iskular tal-ilma mill-pajpijiet u mill-valvi diversi drabi, ma kenitx pronta bizzejjed illi kemm jista` jkun malajr tnaqqas id-dannu li kien qed isir anke tenut kont illi ma kenitx risolta skond is-sengha l-problema tal-perkolazzjoni tal-ilma minn gol-pajp. Bla dubbju rrizulta wkoll element ta` *trial and error* fix-xoghol tal-bini tal-purtiera tal-ilma u dan gab mieghu hafna titjir ta` ilma bla bzonn minhabba n-nuqqas ta` kontroll fuq il-hrug tal-ilma mill-*water screen* li wassal sabiex ikompli jsir tixrib inutili tal-*parquet.* It-titjir

jew tixrid tal-ilma baqa` ma giex kontrollata kwazi sal-gurnata tal-ftuh tac-CHOGM.

Ghalhekk, fil-fehma ta` din il-Qorti, Welcomevents kienet karenti fl-esercizzju ta` kura u ta` diligenza ta` *bonus paterfamilias* versu l-attur noe.

Din il-Qorti trid tghid illi fattur iehor li kkontribwixxa ghall-hsara fil-*parquet flooring* kien in-nuqqas ta` koordinament bejn il-konvenuti. Ghalkemm Bezzina Trading ghattew l-art kif kellhom jaghmlu skond it-*tender*, il-kisi jew l-ghata li qeghdu ma kienx bizzejjed ghaliex li kieku kien diversament l-ilma ma kienx jidhol taht il-*plastic sheeting*. Sahansitra l-ilma hareg anke barra mill-*area* tal-i*stage* billi l-purtiera tal-ilma kienet qeghda ttajjar l-ilma barra l-*area* tal-palk. Ghalkemm ma kienx fil-kompitu ta` Bezzina Trading li jipprotegu bnadi li ma kienux strettament relatati mal-kostruzzjoni tal-palk, fl-istess waqt koordinament ahjar u aktar effettiv bejn il-konvenuti kien iwassal sabiex jipprevjeni b`mod efficjenti l-eventwalita` ta` skular ta` ilma lejn postijiet ohra ewlieni fosthom il-*parquet*, li ma kenitx xi haga remota jew improbabbli, anzi kien riskju reali tenut kont tal-kwantita` ta` ilma li kellu jigi generat biex jittella` l-ispettaklu.

Din il-Qorti tghid li l-konvenuti, it-tnejn li huma, naqsu fit-tehid ta` prekawzjonijiet tangibbli u koordinati li jekk attwati kif suppost kienu jevitaw li ssir hsara bla bzonn.

Kollox meqjus, filwaqt li teskludi li l-attur noe ghandu jgorr xi htija ghall-hsara li grat, din il-Qorti hija tal-fehma li kull konvenut ghandu jerfa` htija ndaqs ghall-hsara direttament ikkagunata lill-*parquet* dannu li, kif rajna, ghandu jigi temperat fl-entita` tieghu in vista tal-*pre-accident condition* tal-istess parquet.

Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jitlob d-dikjarazzjoni ta` responsabilita` *in solidum* tal-konvenuti, kif huwa evidenti mit-tieni talba.

Din il-Qorti tghid li skond il-provi akkwiziti, dak li jipprovdi l-Art.115 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta` Malta mhux applikabbli ghaliex ma rrizultax li dik ta` bejn il-partijiet kienet obbligazzjoni kummercjali fejn il-ftehim kien jikkontempla kondebituri u fejn allura kien hemm il-prezunzjoni tas-solidarjeta`. Dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum tistax tigi applikata s-solidarjeta` kif kontemplata bid-disposizzjonijiet tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta.
Ir-*ratio* tas-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri (ara : "**Sciberras pro et noe vs Rhouri et"** – Appell Inferjuri/PS **-** 9 ta` Novembru, 2005). Is-solidarjeta` titwieled jew ghax espressament provdut mil-ligi jew bil-volonta` tal-partijiet (Art. 1089) [ara - "**Catania vs Degiorgio et**" - Prim` Awla, tal-Qorti Civili - 21 ta` Frar, 1958). Fil-kamp civili, is-solidarjeta` ma tistax tkun prezunta. Il-presupposti ta` l-obbligazzjoni solidali huma (a) pluralita` ta` soggetti, (b) l-*idem debitum*, ossija l-istess prestazzjoni (Art. 1094), anke jekk ikunu jezistu modalitajiet diversi fil-kaz ta` whud mill-kondebituri (Art.1095 tal-Kap.16), diretta ghas-sodisfaciment ta` l istess interess kreditorju, u (c) l-*eadem causa obligandi* ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b`mod li kull wiehed minnhom jista` jigi kostrett ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn *di fronte* ghall-kreditur
(Art.1094) [ara : "**Primrose Poultry Products Limited vs Balzan et"** – Appell Inferjuri**/**PS – 12 ta` Dicembru 2008 u "**Borg Cold Stores (Import & Distribution Ltd vs Pickard *et***" – Appell Inferjuri/PS – 19 ta` Ottubru 2005].

Stabbilita n-natura u l-effetti ta` obbligazzjoni solidali, din il-Qorti tghid li l-provi akkwiziti **ma jwasslux** lil din il-Qorti sabiex tghid li r-responsabilita` tal-konvenuti ghandha titqies *in solidum*.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ndaqs ghad-danni li garrab l-attur noe konsegwenza tal-incident de quo.**

**In kwantu ghat-tieni talba, tiddikjara li kull konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-hlas ta` nofs il-quantum tad-danni attwalment u legalment dovut lill-attur noe.**

**Tiddisponi mit-tielet talba billi tiddikjara li d-danni tal-attur noe jammontaw ghal wiehed u ghoxrin elf mitejn u erbghin Ewro (€21,240).**

**Tiddisponi mir-raba` talba billi tikkundanna lill-konvenuta Welcomevents Limited (C36195) sabiex thallas lill-attur noe s-somma ta` ghaxart elef sitt mija u ghoxrin Ewro (€10,620) bl-imghax legali b`effett mil-lum, u tikkundanna lill-konvenuta Bezzina Trading Yard Limited (C10449) sabiex thallas lill-attur noe s-somma ta` ghaxart elef sitt mija u ghoxrin Ewro (€10,620) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex kull wahda minnhom thallas nofs l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------